

31999D0453

14.7.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 178/50

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Ġunju 1999,

li temenda d-Deċiżjonijiet 96/579/KE u 97/808/KE dwar il-proċedura għall-attestazzjoni ta' konformità ta' prodotti għall-bini skond Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward ta' attrezzaġuri fissi u kisi ta' pavimenti rispettivament

(notifikata skond id-dokument numru K(1999) 1484)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(1999/453/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u disposizzjoniet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar prodotti għall-bini ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ⁽²⁾, u partikolarment Artikolu 13(4) tagħha,

- (1) Billi l-Kummissjoni diġà adottat sensiela ta' Deċiżjonijiet dwar l-attestazzjoni ta' konformità ta' prodotti għall-bini skond Artikolu 20(2) ta' d-Direttiva 89/106/KEE; billi tista' tinqala l-ħtieġa li daww id-deċiżjonijiet ikunu adattati minħabba l-progress tekniku; billi teżisti din il-ħtieġa fir-rigward tad-Deċiżjoni 96/579/KE ⁽³⁾ u d-Deċiżjoni 97/808/KE ⁽⁴⁾;
- (2) Billi l-miżuri li hemm ipprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni ta' l-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 96/579/KE hija b'dan emendata kif ġej:

- (1) F'Anness II, il-vers li ġej għandu jiddaħħal wara t-titolu "Prodotti għall-immarrar tat-triq":

⁽¹⁾ ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.

⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 254, tat-8.10.1996, p. 52.

⁽⁴⁾ ĠU L 331, tat-3.12.1997, p. 18.

— materjali ta' trattament (żibeġ tal-ħġieġ, materjal kontra ż-żliq jew taħlita tat-tnejn),”

- (2) F'Anness III il-vers li ġej għandu jiddaħħal fil-kolonna "Prodott(i)" ta' l-iskeda ta' klassi ta' l-prodotti "ATTREZZATURI FISSI(1/2)" wara t-titolu "Prodotti għall-immarrar tat-triq":

— Materjali ta' trattament (żibeġ tal-ħġieġ, materjal kontra ż-żliq jew taħlita tat-tnejn),”

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 97/808/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1. F'Anness I, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Materjali għal kisi ta' pavimenti għal użu estern.

Materjali għal kisi ta' pavimenti għal użu intern ta' reazzjoni għal nar tat-tip AFL, BFL jew CFL li r-reazzjoni tagħhom għan-nar mhix soġġetta għal tibdil matul il-produzzjoni, ta' reazzjoni għan-nar tat-tip DFL, EFL jew FFL u wkoll tat-tip AFL, li skond id-Deċiżjoni 96/603/KE m'għandhomx bżonn ikunu eżaminati għal reazzjoni tagħhom għan-nar.”

2. F'Anness II, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“Materjali għal kisi ta' pavimenti għal użu intern ta' reazzjoni għal nar tat-tip A_{FL}, B_{FL} jew C_{FL}, li r-reazzjoni tagħhom għan-nar hija soġġetta għal tibdil matul il-produzzjoni, ġeneralment daww li huma soġġetti għal bidla kimika, e.g. *fire retardants*, jew meta tibdil fil-kompożizzjoni jista' jwassal għal tibdil fir-reazzjoni għan-nar.”

3. F'Anness III, fl-iskeda tal-klassi ta' prodotti "PAVIMENTI (2/2)" għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Materjali għal kisi ta' pavimenti	Għal użu intern	$A_{FL} - B_{FL} - C_{FL}^{(1)}$	1 ⁽²⁾
		$A_{FL} - B_{FL} - C_{FL}^{(3)}$	3 ⁽⁴⁾
		$A_{FL}^{(5)} - D_{FL} - E_{FL} - F_{FL}$	3 ⁽⁴⁾
	Għal użu estern		4 ⁽⁶⁾

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-18 ta' Ġunju, 1999.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membri ta' l-Kummissjoni